# 1 LAĦG
# NNIM LLUK 5
# JEPORWE,
# DI-AJNID AJIH
# ILĊIFFID XEIB
# ARAQNIT

# GĦAL 1 MINN KULL 5 EWROPEJ, ID-DINJA HIJA DIFFIĊLI BIEX TINQARA

GRUPP TA' ESPERTI TA' LIVELL GĦOLI
TAL-UE DWAR IL-LITTERIŻMU

SOMMARJU EŻEKUTTIV, SETTEMBRU 2012

# ĦU AZZJONI ISSA!





## GRUPP TA' ESPERTI TA' LIVELL GĦOLI TAL-UE DWAR IL-LITTERIŻMU

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan ir-rapport huwa twissija għall-kriżi tal-litteriżmu li taffettwa kull pajjiż fl-Ewropa. Irridu nirrealizzaw li l-qari u l-kitba huma ħafna iktar minn teknika jew ħila. Il-litteriżmu għandu x'jaqsam mal-istima personali tan-nies u l-kapaċità li jiffunzjonaw u jirnexxu fis-soċjetà bħala individwi privati, ċittadini attivi, impjegati, jew ġenituri. Is-soċjetajiet tagħna jridu jaffaċċjaw din il-kriżi moħbija u jridu jaġixxu kollha f'daqqa u flimkien, sabiex jagħtu spinta lill-livelli tal-litteriżmu u jnaqqsu l-illitteriżmu. Qed ngħixu paradoss: filwaqt li l-era diġitali dejjem teħtieġ livelli aktar ogħla ta' litteriżmu, miljuni ta' Ewropej tal-etajiet kollha jibqgħu ma jilħqux dan il-livell.

Spiss wisq nassumu li kulħadd huwa kapaċi jaqra u jikteb, jipproċessa l-informazzjoni, u jimpenja ruħu b'mod kritiku mas-sorsi multipli tagħha. Spiss wisq nassumu li huwa f'idejn l-għalliema, l-iskejjel jew il-gvernijiet biss sabiex jitrattaw il-litteriżmu. Madankollu, preċiżament minħabba li l-ħiliet tal-litteriżmu jmissu tant aspetti tal-iffunzjonar soċjali u ekonomiku tagħna, firxa wiesgħa ta' atturi għandhom rwol fl-indirizzar tal-kwistjonijiet.

Dan ir-rapport jiddeskrivi l-kwistjonijiet u s-soluzzjonijiet ewlenin sabiex jinkiseb il-litteriżmu għal kulħadd fl-Ewropa.

## NIFHMU L-PROBLEMI U L-OPPORTUNITAJIET:

# GĦALIEX IL-LITTERIŻMU HUWA TANT IMPORTANTI

### NUMRU KBIR TA’ ĊITTADINI M’GĦANDHOMX IL-ĦILIET MEĦTIEĠA TAL-LITTERIŻMU

Ħiliet tal-litteriżmu tajbin huma essenzjali sabiex itejbu l-ħajjiet tan-nies u jippromwovu tkabbir ekonomiku b’saħħtu u sostenibbli fl-Ewropa. Il-litteriżmu jagħti s-setgħa lill-individwu sabiex jiżviluppa l-kapaċitajiet tar-riflessjoni, il-kritika u l-empatija u huwa kruċjali għall-benesseri personali. Tabilħaqq, mingħajr żieda fil-varjetà tal-ħiliet u l-produttività konsegwenti tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, l-isfidi demografiċi u soċjoekonomiċi Ewropej ma jistgħux jintlaħqu. Il-litteriżmu dgħajjef jista’ jissolva, billi l-pajjiżi li diġà adottaw varjetà ta’ approċċi biex itejbu l-livelli raw riżultati pożittivi u kosteffiċjenti. Iżda jrid isir ħafna iktar.

Numru inkredibbilment kbir ta’ Ewropej m’għandhomx biżżejjed litteriżmu. Stħarriġ nazzjonali u internazzjonali juri li madwar wieħed minn kull ħames adulti u wieħed minn kull ħames żgħażagħ ta’ ħmistax-il sena m’għandhomx il-ħiliet tal-qari li għandhom bżonn sabiex jiffunzjonaw f’soċjetà moderna.

Litteriżmu aħjar **GĦALL-INDIVIDWI**

- Għajnuna biex jiġi megħlub il-faqar fl-aspirazzjonijiet
- Iktar tisħiħ
- Qligħ akbar

- Iktar parteċipazzjoni ċivika
- Opportunitajiet ta’ edukazzjoni u ta’ xogħol imtejba

Il-litteriżmu huwa rekwiżit fundamentali għaċ-ċittadini ta' kull età fl-Ewropa moderna, u t-tibdil fin-natura tax-xogħol, l-ekonomija, is-soċjetà b'mod ġenerali, qed jagħmluh saħansitra iktar importanti. Il-litteriżmu huwa tant importanti għaliex:

- is-suq tax-xogħol jeħtieġ ħiliet ta' litteriżmu dejjem ogħla;
- il-parteċipazzjonijiet soċjali u ċiviċi qed isiru iktar dipendenti fuq il-litteriżmu fid-dinja diġitali;
- id-diġitizzazzjoni qed tibdel in-natura propja tal-litteriżmu u qed tagħmlu iktar importanti, peress li l-interazzjonijiet u l-komunikazzjonijiet soċjali, ċiviċi u ekonomiċi huma ċċentrati madwar id-dinja tal-kitba;
- il-popolazzjoni qed tixjieħ u l-ħiliet tal-litteriżmu tagħha, inkluż il-ħiliet tal-litteriżmu diġitali, jeħtieġ li jiġu aġġornati;
- il-faqar u l-litteriżmu baxx huma maqfula f'ċirku vizzjuż, fejn kull wieħed minnhom jalimenta lill-ieħor; u
- il-mobilità li dejjem tikber u l-migrazzjoni qed jagħmlu l-litteriżmu iktar u iktar multilingwali, billi jikkombinaw firxa wiesgħa ta' sfondi kulturali u tal-lingwa.

Qed ngħixu paradoss: filwaqt li l-qari u l-kitba huma importanti u rilevanti iktar minn qatt qabel fil-kuntest tad-dinja diġitizzata tagħna, il-ħiliet tal-litteriżmu tagħna mhumiex ilaħqu ma' dan. Irridu nreġġgħu lura din is-sitwazzjoni allarmanti b'mod urġenti.

## L-INVESTIMENTI FIL-LITTERIŻMU HUMA KRUĊJALI GĦALL-BENESSERI TAĊ-ĊITTADINI U JAGĦMLU SENS EKONOMIKU

L-investimenti sabiex jiġi mtejjeb il-litteriżmu fost iċ-ċittadini ta' kull età jagħmlu sens ekonomiku, billi jipproduċu kisbiet tanġibbli għall-individwi u għas-soċjetà, fl-aħħar mill-aħħar jammontaw għal biljuni ta' euro. It-titjib fil-litteriżmu huwa prekondizzjoni essenzjali għall-futur tat-tkabbir ekonomiku tal-UE u għall-benesseri taċ-ċittadini tagħha. U lil hinn mill-kisbiet materjali, m'għandniex ninsew illi li tkun litterat jinsab fil-qalba li tkun uman. Filwaqt li l-kunfidenza fik innifsek jista' ma jkolliex valur ekonomiku kwantifikabbli, tistimula s-suċċess ekonomiku u soċjali permezz tal-aspirazzjoni sabiex tirnexxi.



Xi kunċetti żbaljati kondiviżi b'mod ġenerali jeżistu dwar in-natura, id-daqs u l-ambitu tal-kwistjoni tal-litteriżmu u s-soluzzjonijiet tagħha madwar l-Ewropa. Dawn ifixklu l-iżvilupp tal-litteriżmu minħabba li għandhom jinstabu kemm fost l-individwi u fost dawk li jfasslu l-politika. Sabiex niksbu progress veru, l-ewwel irridu nneħħu dawn il-ħrejjef.

# IT-TNEĦĦIJA TA' KUNĊETTI ŻBALJATI

| KUNĊETTI ŻBALJATI | IL-FATTI |
| --- | --- |
| "Il-litteriżmu baxx huwa xi ħaġa li tiġri fil-pajjiżi li qedin jiżviluppaw, żgur mhux fl-Ewropa!?" | Wieħed minn kull ħames żagħżagħ ta' ħmistax-il sena m'għandux il-ħiliet tal-qari li għandu bżonn sabiex jiffunzjona f'soċjetà moderna. |
| "Il-litteriżmu baxx huwa problema importata mill- migranti, mhux għal dawk imwielda u mrobbija fil-pajjiżi Ewropej." | Il-maġġoranza vasta tat-tfal u l-adulti b'ħiliet ta' litteriżmu dgħajfa kienu mwielda u mrobbija fil-pajjiż li jgħixu fih, u jitkellmu l-lingwa tal-istruzzjoni tiegħu bħala l-lingwa materna tagħhom. |
| "Il-litteriżmu baxx jaffettwa biss lil dawk li qiegħdin fil-marġini tas-soċjetà." | Wieħed minn kull ħames adulti fl-Ewropa m'għandux biżżejjed ħiliet tal-litteriżmu u l-biċċa l-kbira tagħhom huma impjegati. |
| "Xi wħud min nies sempliċiment ma jistgħux jitgħallmu jaqraw u jiktbu." | Kważi kull minn jissielet sabiex jaqra u jikteb jista' jiżviluppa ħiliet xierqa tal-litteriżmu, meta jingħataw l-appoġġ it-tajjeb. In-nies bl-iktar diffikultajiet konjittivi severi biss mhumiex kapaċi jiżviluppaw litteriżmu li jiffunzjona. |
| "L-iskola hija responsabbli sabiex tgħallem lit-tfal jaqraw u jiktbu." | L-iskejjel għandhom rwol importanti iżda mhumiex responsabbli huma biss. Firxa wiesgħa ta' atturi jiffurmaw l-iżvilupp tal-litteriżmu, mill-ġenituri u n-nies ta' mparhom sas-servizzi tas-saħħa u oħrajn. Wara l-edukazzjoni formali, min iħaddem għandu rwol vitali, b'kisbiet pożittivi kemm għal min iħaddem, kif ukoll għall-impjegat. |
| "Id-diżleksja hija kundizzjoni li ma titfejjaqx għalhekk m'hemm xejn x'nistgħu nagħmlu dwarha." | It-tfal tal-llum qed jiġu mistennija iktar sabiex jipprogressaw fil-qari u fil-kitba f'veloċità standard u permezz ta' metodoloġija waħda. Il-qarrejja li jsibu diffikultà spiss jiġu djanjostikati bħala diżleksiċi. Id-dijanjożi għandha tkun "qarrej li jsib diffikultà", u l-attenzjoni għandha tkun fuq li tissolva l-problema. Kull tifel, fil-prinċipju, jista' jitgħallem jaqra u jikteb. |
| "It-titjib fil-ħiliet tal-qarrejja li jsibu diffikultà jieħu wisq ħin, huwa wisq diffikultuż u wisq għali biex ikun jiswa l-isforz." | Il-programmi mmirati sabiex itejbu l-ħiliet tal-qarrejja li jsibu diffikultà għandhom rata għolja ta' suċċess, u huma estremament kosteffettivi. Dan l-investiment iħallas għalih innifsu għexieren u possibilment anke mijiet ta' drabi matul il-kors tal-ħajja ta' individwu. |
| "Il-ġenituri m'għandhom l-ebda influwenza fuq l-iżvilupp tal-litteriżmu tat-tfal tagħhom wara s-snin bikrin." | L-atitudnijiet tal-ġenituri u l-prattiki tal-litteriżmu għandhom influwenza kbira ħafna fuq l-iżvilupp tal-litteriżmu tat-tfal tagħhom, tul l-iskola sekondarja kollha. L-intervenzjonijiet sabiex itejbu l-ħiliet tal-appoġġ tal-ġenituri għandhom impatt kbir fuq il-litteriżmu tat-tfal. |
| "Huwa tard wisq sabiex issir xi ħaġa dwar il-problemi tal-litteriżmu wara li t-tfal jispiċċaw l-iskola primarja." | Miljuni ta' tfal jidħlu fl-iskola sekondarja u jkunu kapaċi jaqraw, iżda mhux tajjeb biżżejjed sabiex imorru tajjeb fl-iskola. B'appoġġ speċjalizzat, dawn iż-żgħażagħ jiżviluppaw ħiliet tal-litteriżmu tajbin jew anke eċċellenti. |

# IT-TFASSIL TAS-SOLUZZJONIJIET: APPROĊĊ KOPERATTIV

### IL-ĦOLQIEN TA' KOPROPRJETÀ

Il-litteriżmu ġie meqjus biss bħala kwistjoni għas-sistema edukattiva għal wisq żmien. Il-litteriżmu baxx huwa problema tas-soċjetà b'konsegwenzi enormi għall-ambizzjonijiet tagħna u għall-istrateġiji dwar is-saħħa pubblika, ix-xogħol, il-parteċipazzjoni diġitali, il-gvern elettroniku, il-parteċipazzjoni ċivika, il-faqar u l-inklużjoni soċjali. Il-kisba ta' titjib veru fil-litteriżmu teħtieġ pussess politiku u koperazzjoni tul l-ispettru politiku u lil hinn minnu. L-istrateġiji tal-litteriżmu għandhom ikunu koproprjetarji fis-soċjetà u l-gvern, għandhom ikopru l-etajiet kollha, u għandhom ikunu indipendenti mill-iskedi politiċi.

### IT-TĦEJJIJA TAL-ISFOND GĦALL-IŻVILUPP TAL-LITTERIŻMU

L-Ewropa għandha tkabbar l-aspirazzjonijiet tagħha, u timmira għal-litteriżmu funzjonali għaċ-ċittadini kollha. Dan ifisser li tikkommetti għal viżjoni li kull ma jkun inqas minn 100 % ta' litteriżmu funzjonali huwa inaċċettabbli. Il-gvernijiet, l-iskejjel, min iħaddem, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) għandhom jikkommettu rwieħhom sabiex jiksbu din il-mira. Bħala parti minn dan il-proċess:

- għandhom jinħolqu sħubiji għall-iżvilupp tal-litteriżmu bejn l-atturi tas-soċjetà u tal-edukazzjoni;
- l-Istati Membri tal-UE għandhom jadottaw strateġiji tal-litteriżmu komprensivi, ibbażati fuq tfassil ta' politika konġunta fid-dipartimenti u l-organizazzjonijiet, li jqiegħdu l-litteriżmu mhux biss fil-qalba tal-edukazzjoni iżda fil-qalba tal-politiki pubbliċi rilevanti kollha;
- dawn l-istrateġiji għandhom jinfirxu f'kull età, jibdew mit-tfulija bikrija u jibqgħu għaddejjin tul is-snin tal-iskola u jinkludu l-adulti;
- it-tqajjim ta' kuxjenza dwar il-problema u t-tneħħija tat-tabù rigward il-litteriżmu baxx għandhom jiffurmaw parti mill-isforz strateġiku, li għandu jinkludi stħarriġ tal-livelli tal-ħiliet tal-popolazzjoni u l-monitoraġġ tal-progress;
- dawn l-istrateġiji għandu jkollhom baġits xierqa u oqfsa fit-tul għall-azzjoni nazzjonali, reġjonali u lokali; u
- impenn politiku mill-aqwa huwa meħtieġ sabiex il-kwistjoni titpoġġa fuq l-aġenda, il-kwistjoni tinżamm viżibbilment ħajja fis-soċjetà, u jinżamm momentum għall-inizjattivi fuq il-post.

# AZZJONIJIET RAKKOMANDATI

Fuq il-bażi tar-reviżjoni tal-evidenza tagħna, il-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar il-Litteriżmu pproduċa numru ta' rakkomandazzjonijiet. Għandna tliet rakkomandazzjonijiet ġenerali li japplikaw għall-gruppi tal-etajiet kollha:

### 1. Noħolqu ambjent iktar litterat

Ambjent litterat li jeħtieġ kotba u materjali ta' qari oħra jkunu faċilment disponibbli fid-dar, fl-iskejjel, fil-libreriji u lil hinn, fuq il-karta u onlajn. Dan jinkludi, pereżempju, libreriji f'ambjenti mhux konvenzjonali bħal fiċ-ċentri kummerċjali jew fl-istazzjonijiet tal-ferroviji. Il-ġenituri għandhom bżonn l-għajnuna sabiex itejbu l-ħiliet u l-kunfidenza tagħhom sabiex jinvolvu lit-tfal tagħhom fl-iżvilupp tal-lingwa u fil-qari għall-gost. Il-politiki tal-promozzjoni tal-qari għandhom jiġu inkoraġġuti sabiex jistimulaw il-qari u l-aċċess għall-kotba, billi jiġu organizzati kampanji tal-midja, fieri tal-kotba, avvenimenti tal-qari fil-pubbliku, kompetizzjonijiet, u premjijiet tal-kotba. Irridu nċaqalqu l-mentalitajiet tal-atturi kollha fis-soċjetà – mill-ġenituri sa dawk li jfasslu l-politika, mis-servizzi soċjali u mediċi sal-atturi edukazzjonali, u mill-individwi nfushom san-negozji – sabiex jaraw li l-impenn tagħhom huwa kruċjali għall-promozzjoni tal-qari u l-kitba, u li kulħadd jista' jitgħallem jaqra u jikteb bl-inkoraġġiment u l-appoġġ it-tajjeb.

### 2. Ngħollu l-livell tat-tagħlim tal-litteriżmu u nipprovdu iktar appoġġ fil-qari

Sabiex inżidu l-kwalità tat-tagħlim irridu nibdew bl-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' kwalifiki għolja għall-għalliema kollha. L-iżvilupp professjonali inizjali u kontinwu tal-għalliema kollha għandu jkopri l-aspetti tal-litteriżmu u diġitali b'mod espliċitu. L-edukazzjoni tal-għalliema għandha tinkludi wkoll firxa wiesgħa ta' strateġiji ta' tagħlim speċifiku għal-litteriżmu, tekniċi valutattivi, u metodi għad-dijanjożi tal-problemi fil-qari u l-kitba.

Tagħlim ta' kwalità ogħla jista' jgħin sabiex inaqqas b'mod sinifikanti il-problema tal-litteriżmu. Il-prinċipji huma sabiex:

- ikun żgurat li t-tagħlim huwa professjoni attraenti u l-għalliema jiġu reklutati b'mod selettiv;
- l-għalliema jingħataw livell għoli ta' awtonomija; u
- ikun żgurat li l-għalliema jużaw dik l-awtonomija tajjeb billi jiġu mogħtija taħriġ eċċellenti, kemm inizjalment kif ukoll tul il-karrieri tagħhom.

Sabiex nappoġġjawhom f'dan il-kompitu, irridu:

- fl-iżvilupp inizjali professjonali u edukattiv tal-għalliema tal-edukazzjoni primarja, sekondarja u tal-adulti, ninkludu firxa wiesgħa ta' strateġiji ta' tagħlim speċifiċi għall-litteriżmu, inklużi l-aspetti diġitali, it-tekniċi valutattivi, il-metodi għad-dijanjożi tal-problemi fil-qari u l-kitba, u t-titjib fil-kapaċità tal-għalliema sabiex jikkomunikaw mal-familji sabiex jinfurmaw u jikkumplimentaw ix-xogħol tal-iskola;

- intejbu u nintegraw id-dijanjożi bikrija tad-diffikultajiet sensorji, bil-lingwa, u fit-tagħlim sabiex nipprovdu iktar appoġġ edukattiv effettiv li jindirizza d-diffikultajiet kollha tal-qari u l-kitba;
- nagħtu inċentivi u appoġġ għall-ħolqien ta' strateġiji tal-litteriżmu fl-organizzazzjoni kollha fl-iskejjel, nikkommettu b'mod espliċitu l-komunità tal-iskola kollha sabiex ngħollu l-livell tal-kisba fil-qari u l-kitba;
- niżviluppaw kurrikulu tal-litteriżmu koerenti mill-edukazzjoni bikrija fit-tfulija sat-tagħlim fl-adulti;
- inkopru firxa sħiħa ta' materjali tal-qari, li jvarjaw minn dawk elettroniċi sa stampati, minn letteratura kanonika sa gazzetti u komiks;
- nagħtu żmien xieraq għall-istruzzjoni tal-qari u għall-attivitajiet tal-qari bla ħlas, u nħallu l-istudenti jagħżlu l-materjal tal-qari tagħhom u jistabbilixxu l-pass tagħhom meta jaqraw;
- nistabbilixxu standards li għandhom x'jaqsmu mal-età u nipprovdu għodod ta' valutazzjoni sabiex ngħinu lill-għalliema jkejlu l-progress u jidentifikaw bżonnijiet ta' appoġġ addizzjonali, u jkunu żguri li dan l-appoġġ huwa disponibbli;
- nintegraw il-litteriżmu tal-qari fil-kurrikuli, nindirizzaw l-aspetti tal-qari fil-kurrikuli għal suġġetti oħra matul l-edukazzjoni sekondarja, kemm jekk dik akkademika jew vokazzjonali; u
- niżviluppaw kurrikulu għal-litteriżmu fl-adulti. Għall-adulti, il-kurrikuli għandhom jiffukaw fuq il-kisba tal-ħiliet tal-litteriżmu permezz ta' eżempji prattiċi, tal-ħajja reali u/jew ta' fuq il-post tax-xogħol.

### 3. Inżidu l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni

Sabiex niksbu parteċipazzjoni iktar ġusta u iktar inklussiva fit-tagħlim tal-litteriżmu, irridu nneħħu d-differenzi li ġejjin:

**Id-differenza soċjoekonomika:** tfal foqra u żvantaġġjati ġeneralment ikollhom livelli ta' litteriżmu iktar baxxi. Id-differenza kkawżata mill-iżvantaġġ soċjali hija l-iktar differenza tal-litteriżmu sinifikanti li l-Ewropa għandha bżonn tindirizza. Sistemi ta' edukazzjoni iktar ugwali, li jiżguraw aċċess għall-kura u edukazzjoni ta' tfal ta' età bikrija affordabbli u ta' kwalità tajba, li jevitaw id-differenzazzjoni bikrija tal-istudenti b'kapaċità f'binarji edukattivi differenti, jevitaw ir-repetizzjoni tal-klassi, u jipprovdu l-appoġġ u l-materjal kollu meħtieġ għall-bżonnijiet tat-tfal fl-edukazzjoni (pereżempju, billi jiffinanzjaw kotba, ħwejjeġ u ikliet), jistgħu jgħinu sabiex inaqqsu din id-differenza.

**Id-differenza fil-migranti:** ħafna, iżda mhux il-migranti kollha għandhom livelli ta' litteriżmu iktar baxx fil-lingwa tal-pajjiż li trasferixxew fih. Sabiex nindirizzaw dan, il-migranti li jkunu għadhom kif waslu, kemm l-adulti kif ukoll it-tfal, għandu jkollhom aċċess għal-lingwa u l-iskrinjar tal-litteriżmu u opportunitajiet flessibbli għat-tagħlim tal-lingwa, imfassla għall-bżonnijiet individwali. Għandhom jiġu implimentati attivitajiet ta' involviment għall-migranti li jkunu ġenituri, rigward il-komunità tal-iskola. Il-bilingwiżmu għandu jiġi trattat bħala assi għal żvilupp ulterjuri fil-lingwa, billi jinkoraġġixxi l-manutenzjoni u kburija tal-lingwa għall-minoritajiet lingwistiċi kollha.

**Id-differenza fis-sessi:** il-livelli tal-litteriżmu huma iktar baxxi u qed jitbaxxew għas-subien fl-adoloxxenza. Id-differenza fis-sessi hija primarjament differenza ta' motivazzjoni u ta' impenn. L-indirizzar tagħha jeħtieġ iktar materjali attraenti u l-ftuħ għal riżorsi diġitali sabiex l-qari u l-kitba jsiru rilevanti għall-preferenzi tas-subien, iktar mudelli ta' rġiel li jimpenjaw ruħhom fil-litteriżmu, u l-attrazzjoni ta' iktar irġiel fil-professjoni tal-edukazzjoni.

**Id-differenza diġitali:** mhux biss li l-foqra u l-iżvantaġġjati jaċċessaw l-internet inqas, iżda meta jagħmlu dan, jagħmluh inqas għat-tagħlim u iktar għad-divertiment. Barra minn hekk, għal ħafna tfal teżisti differenza bejn il-prattika tal-litteriżmu fl-iskola, fejn jużaw midja stampata, u qari u kitba diġitali d-dar. Għall-adulti, it-titjib fil-ħiliet tal-litteriżmu fil-kuntest tal-iżvilupp fil-ħiliet diġitali jistgħu iġibu dividendi trippli: jiżviluppaw il-ħiliet diġitali huma, jinkorporaw il-ħiliet tal-litteriżmu meħtieġa jagħtu aċċess għad-dinja tal-kitba tal-SMSs, tal-emails, eċċ., u jdaħlu ħiliet kritiċi sabiex jivvalutaw is-sorsi tal-informazzjoni onlajn.

Għalhekk, prattiċi iktar diġitali u mhux formali diġitali għandhom jintużaw fil-klassijiet u fl-edukazzjoni tal-adulti sabiex jagħtu spinta lill-motivazzjoni ta' dawk li qed jitgħallmu sabiex jimpenjaw ruħhom fil-qari u fil-kitba. L-għalliema f'kull livell għandhom ikunu mgħammra bil-ħiliet sabiex jintegraw l-ICT fit-tagħlim tal-litteriżmu. Il-pubblikaturi u l-produtturi tas-softwer għandhom jipprovdu ambjenti varjati għall-qari diġitali, li jippermettu iktar użu tal-ICT għat-tagħlim – mhux biss għad-divertiment.

## L-INDIRIZZAR TA' KWISTJONIJIET SPEĊIFIĊI TA' LITTERIŻMU:

# LITTERIŻMU GĦALL-ETAJIET KOLLHA

Kull grupp ta' età – b'mod wiesgħa, it-tfal żgħar, l-età primarja, l-adoloxxenti u l-adulti – għandu d-diffikultajiet partikolari tiegħu fil-kisba tal-litteriżmu. Ir-rapport jindirizza wkoll kwistjonijiet speċifiċi li jappartjenu għal dawn il-gruppi ta' etajiet fid-dettall. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħna għal kull grupp ta' età huma dawn li ġejjin:

### TFAL ŻGĦAR

#### 1. Stimula u appoġġja l-familja

Implimenta programmi tal-litteriżmu għall-familja sabiex ittejjeb il-litteriżmu tal-ġenituri u l-ħiliet tal-ġenituri u oħloq kultura ta' qari għall-pjaċir. Offri korsijiet tal-lingwi għall-ġenituri li ma jitkellmux il-lingwa tal-iskola.
Ikkopera man-negozji mal-NGOs u s-servizzi tal-appoġġ għall-familji (eż. is-servizzi tas-saħħa) sabiex tilħaq lill-ġenituri u tinvolvihom fil-programmi ta' litteriżmu.
Għammar lil dawk responsabbli mis-servizzi tal-appoġġ għall-familji sabiex jassistu kemm lit-tfal u kif ukoll lill-ġenituri fl-iżvilupp tal-litteriżmu.

#### 2.Tejjeb il-kwalità tal-kura u l-edukazzjoni tat-tfal ta' età bikrija u pprovdi aċċess ħieles

L-investiment li dejjem jiżdied fil-kura u l-edukazzjoni tat-tfal ta' età bikrija ta' kwalità għolja huwa wieħed mill-aqwa investimenti li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu fil-futur tal-kapital uman tal-Ewropa. Kura u edukazzjoni tat-tfal ta' età bikrija b'xejn għandhom ikunu disponibbli għat-tfal kollha. "Kwalità għolja" tfisser persuna bi kwalifiki għoljin u kurrikulu ffukat fuq l-iżvilupp tal-lingwa permezz ta' logħob b'enfasi fuq l-iżvilupp tal-lingwa, psikomotorili u soċjali, u l-ħiliet tal-litteriżmu li qed joħorġu, li jibnu fuq l-istadji naturali tal-iżvilupp tat-tfal.

#### 3. L-iżgurar ta' monitoraġġ bikri għall-problemi tal-litteriżmu li qed jinqalgħu

Żgura li t-tfal iż-żgħar kollha jkollhom is-smigħ, il-vista u d-diskors ittestjati fl-etajiet xierqa, u li l-problemi jiġu kkoreġuti kemm jista' jkun malajr. Implimenta sistema ta' monitoraġġ bikri għall-ħiliet tal-lingwa u ta' qabel il-litteriżmu sabiex tidentifika u tilħaq lil dawk li jirriskjaw li jaqgħu lura jew jiġu esklużi.

#### 4. Ikkopera mal-partijiet interessati minn perspettiva li għandha t-tfal fiċ-ċentru tagħha

Stimula koperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-kura u l-edukazzjoni ta' tfal ta' età bikrija, il-ġenituri, is-servizzi tas-saħħa, il-libreriji u organizzazzjonijiet oħra li huma ċentrali fil-ħajja tat-tfal iż-żgħar u l-iżvilupp tagħhom. Appoġġja l-istabbiliment u l-espansjoni tal-programmi ta' għoti tal-kotba.

### IS-SNIN TAL-ISKOLA PRIMARJA

1. Żid in-numru tal-għalliema tal-qari speċjalizzati u ppromwovi kwalifiki għall-għalliema kollha tal-primarja

Oħloq ir-rwol ta' għalliema speċjalizzati fil-qari, li jaġixxu bħala persuni ta' riżorsi ewlenin għall-għalliema oħra tal-primarja u sekondarja, fit-titjib tal-litteriżmu. Żviluppa miżuri sabiex tgħolli l-istandard u l-attrazzjoni tal-professjoni tal-għalliema tal-iskejjel primarji, eż. permezz tas-salarji, kondizzjonijiet tax-xogħol tajbin u rekwiżiti ta' kwalifiki għoljin.

Żgura li l-għalliema kollha li għadhom kemm ikkwalifikaw jiksbu grad ta' Master, b'kompetenzi bħall-evalwazzjoni kritika tar-riċerka tal-litteriżmu u metodi ta' istruzzjoni ġodda, ifasslu l-istruzzjoni għad-diversità tal-lingwa tal-istudent u jimpenjaw lill-ġenituri fix-xogħol tal-qari u l-kitba tat-tfal tagħhom fl-iskola.

2. Intervenzjoni bikrija

Stabbilixxi standards minimi li għandhom x'jaqsmu mal-età għall-kisba tal-litteriżmu, appoġġjat b'valutazzjoni sabiex il-ħtiġijiet tal-litteriżmu individwali tal-istudenti jiġu indirizzati minn kmieni. Ipprovdi lill-istudenti u lill-iskejjel ta' prestazzjoni baxxa l-assistenza li għandhom bżonn, minn kmieni kemm jista' jkun. Appoġġja l-ġenituri sabiex jifhmu d-diffikultajiet tat-tagħlim u jikkollaboraw aħjar mal-iskejjel meta jindirizzawhom. Biddel il-mentalità dwar id-diżleksja, billi ċċaqlaq l-enfasi minn appoġġ mediku għal appoġġ edukattiv għall-qarrejja li qed isibu diffikultà.

3. Ispira l-motivazzjoni għall-qari

Żgura li l-kurrikuli u l-metodi tat-tagħlim jiffukaw fuq il-motivazzjoni tal-qari u l-kitba, flimkien ma' aspetattiva għolja ta' suċċess, sabiex jiġi evitat il-falliment fit-tagħlim u tinbena l-kunfidenza. Ipprovdi lill-libreriji tal-iskejjel u l-klassijiet b'materjali tal-qari li huma attraenti u intriganti għall-gruppi tal-etajiet kollha u interessi differenti. Uża għodod tal-ICT u qari diġitali kemm fl-iskejjel u kif ukoll fl-attivitajiet tal-familja fid-dar. Żviluppa kampanji u programmi li joffru riżorsi, appoġġ u voluntiera tal-qari lill-ġenituri u lill-istudenti żvantaġġjati fil-kuntest tal-programmi tal-litteriżmu tal-familja.

### ADOLOXXENTI

1. Agħmel lil kull għalliem, għalliem tal-litteriżmu

Adattat l-approċċi tat-tagħlim sabiex il-qari u l-kitba jiġu mgħallma bħala ħiliet essenzjali fil-kurrikulu tas-sekondarja. Qajjem kuxjenza fost l-għalliema dwar l-importanza tal-ħiliet tal-litteriżmu għall-korsijiet kollha, sabiex tistimula l-għalliema kollha jaraw il-qari u l-kitba bħala parti mir-responsabbiltà tagħhom. Integra l-litteriżmu tal-qari fil-kurrikuli, filwaqt li tindirizza l-aspetti tal-qari fil-kurrikuli tas-suġġetti matul l-edukazzjoni sekondarja, kemm jekk dik akkademika jew vokazzjonali.

2. Ipprovdi materjal tajjeb sabiex tagħti motivazzjoni lill-qarrejja kollha, speċjalment lis-subien

Ipprovdi materjali tal-qari iktar varjat, minn komiks sa letteratura kanonika, minn SMS sa kotba elettroniċi. Inkludi l-qari diġitali bħala parti mill-istandards fl-iskejjel matul l-Ewropa. Ipprovdi l-għalliema tal-lingwa u l-letteratura b'ħiliet sabiex jużaw iktar l-ICT fil-klassijiet tagħhom.

3. Stimula l-koperazzjoni tan-negozju fl-iskejjel

Ippromwovi, stimula u ffaċilita l-koperazzjoni bejn l-iskejjel u n-negozji, ipprovdi lill-istudenti bil-mentalità li l-ħiliet tal-litteriżmu huma essenzjali għall-iżvilupp personali u sabiex jiksbu u jżommu impjieg.

# L-INDIRIZZAR TA' KWISTJONIJIET SPEĊIFIĊI TA' LITTERIŻMU: LITTERIŻMU GĦALL-ETAJIET KOLLHA

## ADULTI

### 1. Stabilixxi sistema sabiex tissorvelja l-livelli u l-prattiċi tal-litteriżmu fl-adulti

Żviluppa dejta fuq il-livelli tal-kisbiet tal-litteriżmu fost il-popolazzjoni adulta, kif ukoll stħarriġ nazzjonali u reġjonali u sorveljanza sabiex jiġu identifikati gruppi fil-bżonn ta' attenzjoni partikolari u sabiex jiġu ppjanati strateġiji futuri. F'dan, stabbilixxi attenzjoni speċifika fuq il-livelli tal-litteriżmu u n-numeriżmu taż-żgħażagħ mhux affettwati u tal-offensuri, kemm adulti kif ukoll minorenni. Uża r-riżultati ta' stħarriġ internazzjonali, bħall-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Kompetenzi tal-Adulti (PIAAC) li jmiss, sabiex tistimula l-politiki. Aqsam l-aħjar prattiċi u oħloq domanda fost l-atturi li għadhom mhumiex involuti.

### 2. Ikkomunika b'mod wiesgħa dwar il-ħtieġa għall-iżvilupp tal-litteriżmu fl-adulti

Intensifika l-politika u tejjeb l-istrateġiji diretti lejn il-litteriżmu fqir fost l-adulti. Uża komunikazzjoni diretta u indiretta sabiex tinkoraġġixxi l-adulti jirrikonoxxu l-problemi tal-litteriżmu tagħhom u imbagħad ħu passi sabiex ittejjeb il-ħiliet tal-litteriżmu tagħhom. Il-midja għandha tneħħi t-tabù assoċċjat mal-litteriżmu baxx, billi timmira kemm iċ-ċittadini nattivi tal-UE u l-migranti. Jeħtieġ li tikber il-kuxjenza soċjali: aħdem ma' NGOs, mal-midja, ma' min iħaddem, ma' organizzazzjonijiet soċjali u ċelebritajiet sabiex tagħmel viżibbli kemm il-problema tal-litteriżmu u s-soluzzjonijiet tagħha.

### 3. Saħħaħ il-professjoni tal-għalliema tal-litteriżmu tal-adulti

Għolli l-profil professjonali tal-għalliem tal-litteriżmu tal-adulti billi tipprovdi taħriġ imfassal pedagoċiku inizjali u kontinwu, prospetti ta' karrieri tajbin, u ħlas xieraq. Ipproduċi materjali xierqa biex tgħallem u titgħallem u għamilhom disponibbli mingħajr ħlas. Fassal kurrikuli u metodi ta' valutazzjoni sensibbli għall-ħtiġijiet tal-adult li qed jitgħallem. Appoġġja l-voluntieri fil-kisba tal-ħiliet pedagoġiċi u programmi konġunti mmirati sabiex jilħqu u jgħallmu lill-adulti b'diffikultajiet fil-qari.

### 4. Żgura aċċess wiesgħa u varjat għall-opportunitajiet tat-tagħlim

Ipprovdi lill-adulti varjetà ta' opportunitajiet ta' tagħlim personalizzat, ta' tul u ritmu xieraq, f'ħinijiet konvenjenti, f'ambjenti konvenjenti kif ukoll bl-appoġġ tal-ICT, u preferibbilment relatati mal-ħajja tagħhom jew mal-kuntest tax-xogħol. Uża l-leġiżlazzjoni nazzjonali u reġjonali sabiex tiffinanzja, tagħti mandat u tappoġġja aċċess miżjud għall-korsijiet ta' kwalità għolja tal-litteriżmu fl-adulti. Ikkopera mad-dipartimenti tal-gvern kollha u mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, mas-soċjeta kummerċjali u ċivika sabiex tnaqqas l-ostakoli istituzzjonali. Ikkopera ma' min iħaddem sabiex jippromwovi l-litteriżmu fost il-ħaddiema tagħhom u pprovdi inċentivi għall-imsieħba soċjali sabiex jieħdu pussess tal-iżvilupp tal-programmi tal-litteriżmu fuq ix-xogħol. Inkoraġġixxi l-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u lill-għalliema u lill-persuni ta' taħriġ vokazzjonali, sabiex jintegraw struzzjoni ta' litteriżmu fil-programmi tagħhom. Irrikonoxxi u vvalida t-tagħlim mhux formali u informali, billi tpoġġi primjum fuq il-kisbiet tal-adulti fit-tagħlim esperimentali u l-konsolidazzjoni tal-għarfien taċitu. Żviluppa programmi effettivi għat-titjib fil-litteriżmu tal-adulti żgħar mhux affettwati u l-offensuri b'ħiliet baxxi tal-litteriżmu.

## KOPJI TAR-RAPPORT SĦIĦ JISTGĦU JINKISBU MINN
http://ec.europa.eu/education/literacy

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-Litteriżmu.
Sommarju Eżekuttiv, Settembru 2012

Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2012 — 16 pp. — 21 x 29 cm

ISBN 978-92-79-25515-1
doi:10.2766/36728

Iktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (http://europa.eu)
Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2012
© L-Unjoni Ewropea, 2012

Il-kontenut ta' dan is-sommarju eżekuttiv ma jirriflettix l-opinjoni uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
Ir-responsabbiltà għall-informazzjoni u l-opinjonijiet espressi fil-pubblikazzjoni taqa' kompletament fuq l-awturi.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakem is-sors ikun rikonoxxut.

ISBN 978-92-79-25515-1

NC-32-12-309-MT-N